*Pittura*

# In-Nuffara f'Għawdex

*minn Vincent Zammit*

L-arkeoloġija Maltija hi sinjura. Iżda l-aktar fdalijiet li wieħed isemmi kull meta jitkellem dwar din it-tema jkunu t-tempji preistoriċi, kif ukoll il-fdalijiet Rumani. Iżda tajjeb ikun jaf ukoll li fi żmien il-Preistorja kien hemm perijodu li għalkemm ma tantx ħalla fdalijiet impressjonanti, kien kaġun ta' l-introduzzjoni tal-bini tas-swar fil-gżejjer Maltin. Dan il-perijodu hu magħruf bħala dak taż-Żmien tal-Bronż.

Wieħed mill-postijiet l-aktar interessanti, li iżda ma tantx hu magħruf min-nies hu dak tan-Nuffara, Għawdex.




*Sezzjoni tal-bir skavat fuq In-Nuffara*

### Lokalità u tifsira tal-kelma

Jekk jingħad li n-Nuffara hi waħda mill-għoljiet li tispiċċa fuq nett, li naraw Għawdex, ma nkunu qegħdin ngħidu xejn ġdid. Għax għalkemm din hi deskrizzjoni tajba tagħha, fil-verità f'Għawdex insi-bu numru minn dawn l-istess għoljiet. Biex wieħed jifhem għalliema għolja partikulari qegħdin nirreferu, ngħidu li din tinsab faċċata tat-tempji preistoriċi tal-Ġgantija, fil-wied ta' bejn ix-Xagħra u n-Nadur. Tiddomina l-inħawi kollha, u wieħed ma jistax ma jindunax b'din l-għolja li m'hi mittiefsa bl-ebda bini modern.

L-għolja tinsab f'post li kien tajjeb ħafna għall-bżonnijiet tan-nies ta' dawk iż-żminijiet. Imdawra b'diversi artijiet li huma fertili, fl-istess ħin qiegħda fuq għolja li setgħet toffri reżistenza jekk il-komunità tkun attakkata. Qiegħda f'pożizzjoni wkoll fejn tista' tara minn fejn l-għadu kien se javanza. Quddiemha hemm il-wied li jwassal sal-bajja tar-Ramla. Minn fuq wara hemm l-artijiet pjanuri li jiddominaw dik iz-zona. Fl-istess ħin ħadd ma seta' jattakka l-komunità b'sorpriża.

It-tifsira tal-kelma Nuffara hi wkoll interessanti, għax b'hekk nistgħu malajr nindunaw li anke missirijietna kienu ħasbu biex taw isem li jagħmel sens ma' dan li għadna kemm għedna. Il-kelma nuffara tfisser dak il-pupazz li jitpoġġa fin-nofs ta' xi għalqa ħalli jgerrex l-għasafar u tjur oħra minn fuq wiċċ ir-raba'.

Fil-fatt il-kelma nafra kienet tintuża wkoll biex tispjega d-daqq tal-qniepen li kien isir hekk kif kienet tasal l-aħbar li jkun hemm xi bastiment tal-Musulmani jew pirati fl-inħawi, u li jkun hemm biża' li se jsir xi nżul.

### Post Arkeoloġiku

Iżda naturalment aħna rridu nsemmu wkoll l-importanza ta' dan il-post rigward l-aspett arkeoloġiku tiegħu. Wara li n-nies li bnew it-tempji telqu mill-gżejjer Maltin, jidher li kienu jgħixu fil-gżejjer tagħna nies differenti minn dawk ta' qabilhom. Dawn mhux biss kienu influwenzati minn affarijiet differenti iżda kellhom mentalità ta' difiża wkoll, xi ħaġa li n-nies ta' qabilhom qatt ma ħasbu fiha.

Tant hu hekk li dawn in-nies, magħrufa aħjar bħala n-Nies ta' Żmien il-Bronż, kienu dejjem jagħżlu postijiet fejn ikun hemm għolja. L-idea kienet biex f'każ ta' attakk ikunu jistgħu jmorru fuq din l-għolja, u b'hekk ikunu jistgħu jiddefendu ruħhom aħjar. Fl-istess waqt nistgħu nsemmu li dawn in-nies kienu introduċew il-bini tas-swar fil-gżejjer Maltin. Iżda l-bini tas-swar kien jiddependi wkoll mill-pożizzjoni tar-raħal.

Qegħdin insemmu s-swar, iżda hawnhekk fuq l-għolja tan-Nuffara ma niltaqgħu ma' l-ebda bini li jixbah xi forma ta' sur. Dan minħabba l-fatt li fuq din l-għolja hemm il-ġnub kollha kemm huma difiża naturali. Ma kienx inħass il-bżonn li wieħed ikompli jibni ħitan bħala swar. F'postijiet oħra ta' l-istess żminijiet, niltaqgħu ma' ħitan li bnew dawn in-nies fuq naħa waħda tal-għolja. Bħala eżempju nistgħu nsemmu Borġ in-Nadur u l-Wardija ta' San Ġorġ.

Għalkemm il-post jidher li kien magħruf, u prattikament kien mistenni li jkun użat bħala post ta' Żmien il-Bronż, l-ewwel skavi li saru fuq din l-għolja kienu wara rapport li sar mis-Sur J Attard, li kien hemm bir li jidher li kien għadu mhux mittiefes. Minn dan l-iskav ta' dan il-bir waħdieni irriżultaw fuħħar ta' żmien il-Bronż. Barra minhekk wieħed irid jara wkoll x'dettalji setgħu ħarġu wara dawn l-iskavi.

Instab biss fuħħar, u ma kienx hemm la għadam ta' annimali u lanqas tal-bnedmin. Allura kien eskluż il-fatt li hawnhekk seta' kien hawn qabar preistoriku. Barra minhekk il-ġnub ta' l-istess bir kien jinsab imħaffer fil-ġebla tal-franka li kienet kollha kemm hi maqsuma. Kien hemm ukoll xi tikħil. Minn dan kollu wieħed jikkonkludi li dan il-bir ma kienx jintuża biex iżżomm l-ilma fih. L-uniku użu għal dan il-bir kien li jinżamm fih il-qamħ, qisu bħall-fosos li għandna mxerrdin u li għadna nistgħu naraw fil-Furjana u l-belt Valletta.

Il-forma tal-bir hi bħal qanpiena, dejqa mill-għonq, u aktar ma tinżel 'l isfel aktar titwessa'. Dawn huma simili għal ħafna oħra li nstabu madwar il-gżejjer Maltin u li huma ta' dak iż-żmien. Bħala eżempju nistgħu nsemmu li hemm 17-il bir f'Ħal Luqa, numru mhux identifikat fix-xatt tal-Bajja ta' San Ġorġ, 40 fil-Baħrija, madwar sitta fil-Wardija ta' San Ġorġ, u 20 bir ieħor fuq l-għolja tan-Nuffara. B'din il-lista m'aħniex ngħidu li dawn biss huma l-postijiet fejn instabu minn dawn it-tip ta' bjar.

Interessanti wkoll hu t-tip ta' fuħħar li nstab. In-Nuffara hi magħrufa wkoll għall-ħafna biċċiet tal-fuħħar li jinstab fil-wiċċ tal-għolja. Minn dan kollu nistgħu ngħidu li kien hemm komunità tgħix fuq dik l-għolja.

Barra minhekk wieħed jista' jimmaġina wkoll li l-għelieqi fertili li hemm madwar, kienu jagħmlu parti mit-territorju okkupat minn dawk in-nies.

Iżda l-għolja tan-Nuffara kienet tintuża bħala post ta' difiża f'każ ta' xi attakk, bħala l-aħħar refuġju.

Il-fuħħar li nstab hu tal-fażi ta' Borġ in-Nadur. Din il-fażi hi impoġġija bejn l-1,500 sena Qabel Kristu u s-700 Qabel Kristu. Minħabba t-tul ta' dan il-perijodu, arkeologi jiddistingwu jekk hux tal-perijodu, partikulari jew ta' aktar tard.

Fil-fatt, skond ir-rapport tad-Dipartiment tal-Mużewijiet kif ukoll ta' arkeologi oħra, hu maħsub li dan il-fuħħar kien tat-tip tat-tieni fażi ta' Borġ in-Nadur. Iżda hemm xebh ukoll ma' fuħħar li kellu jiżviluppa aktar tard f'dak li hu magħruf bħala tal-fażi tal-Baħrija.

Għalhekk jingħad li l-fuħħar tan-Nuffara hu kemmxejn differenti minn dak tas-soltu. Bħalma jiġri dejjem, għalkemm ikun hemm forma komuni, kull komunità kienet forsi tiżviluppa ċerti dettalji fid-dekorazzjoni li jkunu partikulari għaliha.

L-għolja tan-Nuffara hi waħda minn dawk il-postijiet li ma jidher li hemm xejn fuqhom.

Iżda hi post li wieħed jista' jgħid li hu parti integrali mill-istorja preistorika tal-gżira f'Għawdex, minħabba li probabbilment ta' dan il-perijodù dan hu l-aħjar sit li nsibu.